# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. numru 1381/84 JF**

**Francis Xavier sive Mose' Aquilina**

**vs**

**Emanuel J. Aquilina f'ismu proprju u, jekk jidhirlu li ghandu interess, bhala Managing Director tas-socjeta' M.C.L. Limited, in rappresentanza tal-istess u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1993 stante l-mewt ta' Lino Aquilina l-atti gew trasfuzi f'isem Margaret armla ta' Lino Aquilina, f'isimha proprju u bhala mandatarja verbali kostitwita ta' bintha Emma Aquilina, kif ukoll Anthony, Edgar, Erminia Borg Testaferrata, Joseph, Helen u Julia ahwa Aquilina u b'digriet tad-9 ta' Gunju 1994 stante l-mewt ta' Emanuel J. Aquilina, l-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony sive Tony Aquilina, iben l-istess konvenut kif ukoll Francis X. sive Mose' Aquilina bhala diretturi tas-socjeta' M.C.L. Limited**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut f'ismu proprju u jekk jidhirlu li ghandu interess bhala Managing Director tas-socjeta' M.C.L. Limited u in rappreżentanza tal-istess , b'dan l-att tac-citazzjoni :-

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni :

Premess li fil-1978 l-attur ipprocessa fil-fabbrika tal-Kumpanija M.C.L. Ltd pizelli f'bottijiet ta' 30 uqija 'l wiehed u b'kollox ipproduca 60,000 bott f'2500 kaxxa;

Premess li dan ix-xoghol sar akkont u fl-interess eskluziv tal-attur;

Premess li hu lahaq biegh cirka 800 kaxxa li taghhom dahhal Lm3,614.54;

Premess li f'April-Mejju 1980 inti approprjajt ruhek indebitament mill-kumplament, iddisponejt minnhom abbuzivament u zammejt il-flus li dahhalt;

Talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet imsemmija ;

1. Tistabilixxi u tillikwida l-ammont li l-konvenut nomine inkassa abbuzivament mill-bejgh ta' cirka 1,700 kaxxa 'processed peas' appartenenti lill-attur;

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur l-ammont li jigi hekk stabbilit u likwidat;

3. F'kaz li inti ghadek ma ddisponejtx mill-kaxxi kollha approprijati minnek, tikkundannak tikkonsena lill-attur dak li fadallek f'idejk;

4. Tiffissalek zmien qasir u perentorju ghall-konsenja;

5. F'kaz li jghaddi dak iz-zmien inutilment, tistabilixxi l-valur ta' dak li inti tonqos li tikkonsenja;

6. Tikkundannak thallas lill-attur l-imsemmi valur hekk stabbilit.

Bl-interessi tat-8% mid-data tal-inkassi li inti ghamilt u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 1984.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur u senjatament dik ghad-danni."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut Emanuel J. Aquilina nomine eccepixxa illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra tieghu personalment kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hu personalment ma kienx in parti fin-negozju li ta lok ghall-kawza. L-istess konvenut Emanuel J. Aquilina in rapprezentanza tas-socjeta' M.C.L. Limited eccepixxa illi l-attur kien debitur tas-socjeta' konvenuta ta' somma konsiderevoli ta' flus li hu kien gabar ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta li taghha hu wkoll Direttur u li hu kien da parti tieghu zamm indebitament u konsegwentement xejn ma kien dovut lill-istess attur mill-istess socjeta'. L-istess socjeta' konvenuta eccepiet ulterjorment fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti illi l-azzjoni attrici kienet preskritta ai termini tal-artikolu 2156(F) tal-Kodici Civili.

**DECIDE**

B'sentenza tat-13 ta' Marzu 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza b'dan il-mod :-

> "Tiddeciedi billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni, u tichad it-talbiet attrici in kwantu dawn huma skietti kontra l-konvenut Emanuel J. Aquilina proprio bl-ispejjez kontra l-attur ; tilqa' t-talbiet attrici in kwantu dawn huma diretti kontra l-konvenut nomine u tenut kont tal-fatt li mhux izjed materjalment possibbli ghall-akkoljiment tat-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet attrici kif dedotti billi l-oggetti ma jidhrux li ghandhom disponibbli, tillikwida l-pretensjoni kollha ta' l-attur fl-ammont globali ta' sitt elef tmien mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm6,823.80c) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti nomine biex ihallsu lill-attur dana l-ammont per saldu tat-talbiet kollha ta' l-attur u bl-ispejjez gudizzjarji kontrihom, salv dak gja deciz supra, bl-interessi legali fuq l-ammont kanonizzat dekorribbli mid-data ta' dina d-decizjoni sal-pagament effettiv.
>
> B'rizerva espressa liz-zewg kontendenti ghal xi azzjonijiet reciproci li jistghu jiehdu kontra xulxin si et quatenus u skond il-ligi dwar dana il-pendenzi li seta' fadal bejniethom."

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Ikkunsidrat li qabel xejn ghandu jigi pprecizat li din il-kawza f'certu stadju bdiet tinstema' flimkien ma' kawza ohra istitwita mill-attur kontra l-konvenut proprio (Citazzjoni umru 172/85) li fiha l-attur talab fost ohrajn li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut proprio jaghti rendikont dwar l-operat tieghu in konnessjoni ma' gbir ta' flejjes, liema kawza thalliet ukoll ghal-lum ghal fini ta' decizjoni. Kemm f'din il-kawza kif ukoll fil-kawza 'l ohra surreferita, giet sollevata ulterjorment l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali a bazi ta' l-artikolu 2156(F) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
>
> Ikun utli li in vista ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, sollevata ulterjorment mill-konvenuti, li din il-Qorti tiddelibera u tiddeciedi

dwarha. Din ic-citazzjoni giet ipprezentata fil-15 ta' Ottubru 1984 u tirreferi ghal produzzjoni ta' pizelli bottiljati li sehhet fis-sena 1978. L-attur ikkonferma bil-gurament tieghu li l-gbir tal-flus dovut ghall-bejgh in parte ta' dawn il-prodotti baqa' sejjer ferm wara din id-data u li kien fis-sena 1980 – bejn ix-xhur April – Mejju 1980 li l-konvenut allegatament approprija ruhu mill-flejjes inkassati relattivament ghall-istess prodotti. Minn naha tieghu l-konvenut nomine ma jikkontestax b'moc car certi fatti premessi mill-attur imma jeccepixi li huwa "m'ghandu jaghti xejn lill-attur" billi dan gabar somom konsiderevoli ta' flus ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u li debitur taghha. Dana jimplika l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni u tali eccezzjoni wkoll timmilita, billi tinnewtralizza, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghal dak li jikkoncerna l-konvenut proprio dana eccepixxa li personalment ma kellu x'jaqsam xejn mal-vicenda u ghalhekk mhu bl-ebda mod tenut responsabbli. Illi pero' jirrizulta li flus baqghu jidhlu snin sew wara l-1978, anke fis-sena 1980 (elf disa' mija u tmenin) u li ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni ma tirrizultax li hija fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

L-attur istitwixxa l-kawza tieghu kemm kontra l-konvenut Emanuel J. Aquilina personalment, illum mejjet, kif ukoll kontra tieghu bhala "managing director" tas-socjeta' M.C.L. Limited. Mill-provi prodotti l-Qorti hija sodisfatta li l-operat kollu sar minn naha 'l wahda fuq inizjattiva personali ta' l-attur proprju u minn naha 'l ohra b'accettazzjoni da parti tal-konvenut Emanuel J. Aquilina bhala "managing director" tas-socjeta' M.C.L. Limited. Minn imkien ghalhekk jirrizulta b'mod assodat jew konvincenti li l-konvenut proprio qatt intrometta ruhu – ghalkemm haga naturali li l-istess konvenut kien fizikament jidher u jitkellem hu ma' l-attur, li kien jigi huh. Pero' qatt ma kien hemm xi dubbju li meta l-konvenut ta' l-"go ahead" lill-attur biex fuq intrapriza tieghu jipprocessa xi pizelli u jibbottiljahom fl-impjant tas-socjeta' M.C.L. Limited li dana kollu gie kondott taht il-kappa tal-M.C.L. Limited u qatt diversament u li konsegwentement l-eccezzjoni tal-konvenut Emanuel J. Aquilina proprio tregi u t-talbiet kollha attrici in kwantu diretti kontra tieghu qeghdin jigu respinti a spejjez tal-attur.

Illi ghalhekk il-vertenza in meritu tibqa' biss bejn l-attur u l-konvnut nomine u cjoe' illum l-aventi kawza tieghu billi l-konvenut originali miet fil-mori tal-kawza.

Illi ghalkemm jirrizulta li s-socjeta' M.C.L. Limited ghamlet zmien tigi mmexxija mill-attur u zmien iehor mill-konvenut nomine pero' m'hemmx dubbju li l-inizzjattiva biex kwantita' ta' pizelli tigi pprocessata u bbottiljata a spejjez tieghu hadha l-attur bil-permess tal-konvenut nomine li dakinhar kien hu, u mhux l-attur, li kien imexxi l-kumpanija. Issa gara li l-flus li beda jidhol mill-

bejgh ta' dawn il-pizelli ghall-bidu lahaq hadu u nkassahl-attur pero' meta l-attur halla t-tmexxija tas-socjeta' f'idejn il-konvenut, ma jidhirx li r-rikavat baqa' jigi mghoddi kollu lill-attur. L-attur xehed li b'kollox ipprocessa fil-fabbrika tal-M.C.L. Limited 60,000 (sittin elf) bott pizelli distribwiti f'elfejn u hames mitt (2,500) kaxxa li minnhom huwa lahaq biegh "cirka 800 kaxxa" u dahhal taghhom Lm3,614.54c. Kien ghalhekk ghad fadallu jdahhal fi flus jew f'ritorn ta' kaxxi mhux mibjughin u li kienu baqghu fil-fabbrika tal-M.C.L. Limited – il-valur tar-rimanenti elf u seba' mitt kaxxa (1,700) ta' pizelli pprocessata. Billi l-attur jikkalkula li kull kaxxa nbieghet ghall-prezz ta' Lm4.46, allura dan kien ifisser li komplessivament huwa kien kreditur tas-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' Lm7,582.00c (sebat elef hames mija u tnejn u tmenin lira Maltin). Fid-dokument esebit bhala Dok B, a fol. 49 tal-process, l-attur wera kif huwa tassew importa fuq ismu l-kwantita' ta' bottijiet u kaxxi li semma' fix-xhieda tieghu. Dan mhux kontradett mill-kontro-parti. L-attur huwa anqas konvincenti pero' meta gie biex jiddimostra li l-pizelli kollha tieghu gew ipprocessati u mibjughin fl-ammonti minnu msemmija – di fatti ippremetta fic-citazzjoni tieghu li mill-ammont ta' 2,500 kaxxa, huwa biegh "cirka 800". Huwa lanqas seta' jghid bil-preciz kemm gew mibjughin u ma jaghmel jew ihalli lanqas l-icken avarijia jew latitudini ghal xi bottijiet li setghu kienu danneggjati b'xi mod. Illi fic-cirkostanzi ghalhekk u a"arbitrio bono viri" din il-Qorti qeghda tirriduca l-bilanc li jirrizulta dovut lill-attur b'ghaxar fil-mija (10%) jigifieri bis-somma ta' Lm758.20c , u ghalhekk ifisser li ghad fadallu jdahhal b'kemm jiswew Lm6,823.80c (sitt elef tmien mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu).

Minn naha tieghu l-konvenut jikkoncedi – ara deposizzjoni moghtija minnu fis-seduta tat-12 ta' Jannar 1993 – li l-attur kien lahaq rcieva rapprezentanti l-ammont ta' nofs il-kaxxi li kien hemm pero' jippreciza li din in-nofs tal-kwantita' "tirreferi ghall-kaxxi li sibt jiena u mhux kemm kienu originarjament". Dwar kemm hija infondata l-eccezzjoni tal-kumpensazzjoni fid-dawl ta' dak li jemergi mill-provi dwar l-istat konfuz ghall-ahhar dwar kontroll u kunteggi fi hdan is-socjeta' M.C.L. Limited, bizzejjed tigi riprodotta s-silta li gejja (fol 91).

> "Qed nigi mistoqsi mill-Qorti jekk setax jigi pprecizat kemm lahaq ha flus l-attur jiena nghid li dana huwa mpossibbli ghax tant hemm tahwida fl-accountancy illi l-ebda accountant fid-dinja ma hu kapaci li jirrisolvi tali tahwida."

Biex isehh kompensazzjoni l-ewwel jinthieg li d-debitu li jrid jigi kkonsidrat ghal fini ta' tpacija jrid ikun cert, likwidu u dovut. Li kien hemm xi haga dovuta mill-attur tirrizulta mill-provi ghaliex jihder li l-attur tassew inkassa u zamm ghalih xi flejjes li suppost

> maffu fil-fond tas-socjeta' M.C.L. Limited pero' dana l-ammont ma jirrizultax li hu cert u likwidu anzi hu ghal kollox indeterminat u konsegwentement ma jistax jigi kkunsidrat ghal fini ta' tpaaccija fit-termini tal-ligi bhala mod awtomatiku kif tigi estinta obbligazzjoni fl-istess waqt ma jidhirx li ghadu aktar fizikament u materjalment possibbli li ghad hemm xi prodotti ta' l-attur li jistghu jigi ritornati lilu "in kind".

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Minn din is-sentenza appella biss l-attur. Is-socjeta' konvenuta, kif ukoll il-konvenuti personalment li f'isimhom gie trasfuz il-gudizzju wara l-mewt ta' Emanuel J. Aquilina m'appellawx minn din is-sentenza anke fejn din cahditilhom l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. S'hawn allura s-sentenza appellata kellha titqies li ghaddiet in gudikat u ma kienx mehtieg ghal din il-Qorti illi tezamina l-korrettezza tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni. Is-socjeta' appellata tiddikjara ruhha sodisfatta mill-gudikat. Din il-Qorti kellha tezamina allura biss jekk l-aggravji tal-attur appellant kienux ta' sostanza tali li kellhom jinducuwha li tirriforma s-sentenza appellata in kwantu din kienet biss laqghet in parte t-talbiet attrici.

Il-kontestazzjoni principali tal-attur tibqa' dik illi l-ewwel Qorti ma kien messha qatt cahdet it-talba tieghu fil-konfront ta' Emanuel Aquilina persolment. Ezatt bhala fatt kien personalment involut fl-agir abbuziv illi ikkrejalu d-danni minnu reklamati f'din l-istanza u tali agir ma setghax

jigi addebitat lis-socjeta'minnu gestita. L-istess attur appellant hekk jidentifika l-fatti li fuqhom qed jibbaza l-azzjoni tieghu.

> "1. Illi fl-1978, l-attur ipprocessa kwantita' ta' pizelli fil-fabbrika tas-socjeta' M.C.L. Limited li taghha l-attur u l-konvenut (illum mejjet) kienu l-unici zewg diretturi u azzjonisti. Ghalkemm, originarjament, l-attur kellu l-hsieb li jaghmel din l-operazzjoni taht il-kappa tas-socjeta', huh, il-konvenut, ma xtaqx illi dan isir u ntlaqah qbil illi l-attur jaghmel l-operazzjoni ghal rasu u wahdu, salv ghall fatt li jaghmel uzu b'xejn, mill-facilitajiet tas-socjeta' sabiex isir dan l-ipprocessar u l-ibbottjar.
>
> 2. Illi fil-fatt gew processati u bbottjati sittin elf bott pizelli kull wiehed ta' tletin uqija. Dawn gew ippakkjata f'kaxxi ta' erba' w ghoxrin bott kull wiehed.
>
> 3. Illi l-attur beda jbiegh dawn il-bottijiet u lahaq dahhal LM3,614.54 prezz ta' madwar 800 kaxxa. Il-flus ghal dan il-bejgh ingabar jew mill-attur innifsu jew minn impjegata tas-socjeta' (Doris Saliba) li sussegwentement ghaddiet il-flus lill-attur.
>
> 4. Illi gara izda illi bejn April u Mejju ta' l-1980, fuq ordni tal-konvenut, l-attur ma baqax jithallas tal-bejgh ta' pizelli li kien qed isir u fil-fatt ma dahhal xejn aktar.
>
> 5. Illi l-attur jaf li dak li gara effettivamet kien illi l-konvenut approprija ruhu *personalment* mir-rikavat tal-bejgh ta' pizelli. Dan jafu ghaliex il-beni tas-socjeta' bdew ftit ftit jitnaqqru mill-konvenut li kien qed ibiegh stock tas-socjeta' u jintasku l-flus huwa personalment. Dan sehh sa ma fl-ahhar, il-fondi tas-socjeta' – li darba kienet socjeta' ewlenija fl-ipprocessar tal-prodotti ta' l-ikel – spiccaw fix-xejn. Dan, naturalment, a skapitu tas-socjeta' u allura ta' l-attur bhala azzjonist. Dan kollu sar direttament mill-konvnut *personalment* ghaliex kien hu li kien qed imexxi s-socjeta' fiz-zmien li dan kollu sehh."

Din il-Qorti tista' taccetta bhala provati in lineja generali l-fatti kif elenkati mill-attur nehhi ghall-allegazzjoni illi l-konvenut kien approprja ruhu <u>personalment</u> mir-rikavat tal-bejgh tal-pizelli. Dik il-prova fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant bl-ebda mod ma rnexxielu jaghmilha b'mod

sodisfacjenti. Fil-verita' jidher li lanqas biss ittanta li jaghmilha hlief ghal mod generiku li bih iddepona b'allegazzjonijiet vagi dwar ir-regolaritajiet allegament kommessi minn huh fl-amministrazzjoni tas-socjeta' konvenuta li pero' bl-ebda mod ma jidher li jissostanzja.

Mill-banda l-ohra mhux biss il-konvenut personalment jikkontesta dawn l-allegazzjonijiet imma s-socjeta' konvenuta tippretendi illi l-attur kien debitur taghha f'ammonti sostanzjali li kienu jisbqu s-somma li taghha l-istess socjeta' konvenuta kienet debitrici lejn l-attur u li kienet mertu ta' din il-kawza. Infatti hu issa stabbilit wara s-sentenza appellata illi una volta s-socjeta' konvenuta m'appellatx minn dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, hi qeghda taccetta bhala fatt li kienet debitrici lejn l-attur fis-somma likwidata mill-ewwel Qorti. B'dan pero' li s-socjeta' appellata tippretendi li kellha jedd tpaci dan id-debitu ma' kreditu li hi kellha kontra l-istess attur appellant. Gustament l-ewwel Qorti ma setghatx taghti gudizzju fuq din l-eccezzjoni tat-tpacija in kwantu kien ovvju illi l-ammont reklamat mis-socjeta' konvenuta minghand l-attur la kien cert u likwidu u wisq anqas ta' facli likwidazzjoni. Li kien pero' rilevanti ghall-fini ta' din il-kawza hu l-fatt illi kienet is-socjeta' konvenuta li kienet qed tippretendi li kienet kreditrici tal-attur u mhux il-konvenut Emanuel Aquilina personalment illi jekk l-attur appellant kien qed jippretendi illi l-konvenut u/jew is-socjeta' konvenuta kienet indebitament zammet f'idejha flus li kienu dovuti lilu ghan-negozju li kien jispetta lilu biss, daqstant iehor l-istess socjeta' konvenuta kienet tippretendi li l-attur

appellant kien gabar flejjes ghan-nom tas-socjeta' konvenuta li taghha hu bhala konvenut kien Direttur u li kien qed izomm dawn il-flejjes indebitament.

Kjarament allura l-kwadru li pprezenta ruhu quddiem l-ewwel Qorti kien dak ta' diversi negozji bejn is-socjeta' u l-attur li kienu jimportaw investigazzjoni dwar il-kontijiet li kellhom isiru bejniethom f'gudizzju appositu.  Fil-verita' mill-atti ma jista' jigi dedott la illi l-konvenut personalment kien involut fil-ftehim li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta kienet qablet illi l-attur jutilizza l-facilitajiet u makkinarju taghha biex jipprocessa kwantita' ta' pizelli f'ismu proprju u lanqas tirrizulta xi prova illi l-istess konvenut personalment kien b'xi mod involut fl-ezekuzzjoni ta' dak il-ftehim.  Jekk xejn jirrizulta ghal kollox il-kontra.  Infatti l-pizelli illi l-attur hadem ghalih innifsu – anke jekk illum kellu jigi accettat li dan ghamlu bil-kunsens tas-socjeta' konvenuta, proprju ghax hekk iddecidiet l-ewwel Qorti fis-sentenza li ghaddiet ingudikat, gie processat bil-makkinarju tas-socjeta' konvenuta taht isem tal-istess socjeta' M.C.L. u, wiehed jipprezumi, mill-haddiema u bil-facilitajiet ta' distribuzzjoni taghha.  Dan kien xoghol li ex admissis "originarjament l-iskop taghna kien li nahdmu dan ix-xoghol ghall-kumpanija."  Tant illi anke fuq il-kaxxa tal-kartun li bih inbiegh il-prodott kien hemm l-isem tas-socjeta' konvenuta.  Il-korrispondenza kollha ezebita imbaghad bl-ebda mod ma tinvolvi lill-konvenut personalment.

Din il-Qorti allura ma tarax kif jista', f'dan l-istadju, l-attur appellant jibqa' jinsisti illi l-konvenut personalment kellu jigi tenut responsabbli ghall-kreditu tieghu. Dan multo magis meta minn imkien mill-atti processwali ma gie pruvat illi l-flus rapprezentanti l-valur ta' dik il-parti tal-merkanzija mibjugha li ma rrikavax l-attur, giet inkassata mill-konvenut personalment. Lanqas biss hemm il-prova illi dawn il-flus ma dahlux fl-attiv tal-kontijiet tas-socjeta' konvenuta. Prova din li kienet tispetta lill-attur appellant. Mill-banda 'l ohra hu aktar minn ovvju illi l-attur appellant ma jistax jirriklama l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti kemm mill-konvenut personalment kif ukoll mis-socjeta' konvenuta. Dan ghaliex l-indebitu gie inkassat darba biss u kellu jigi provat mill-attur kreditur minn min kien hekk gie inkassat u kontra min l-"actio indebiti solutio" setghet tigi ezercitata b'success. Gustament l-ewwel Qorti ddecidiet illi l-provi kienu tali li kienet is-socjeta' konvenuta li kellha tirrispondi ghall-hlas lura lill-attur appellant ta' dik is-somma illi jidher li hi inkassat meta bieghet prodott taht isimha li pero' kien hemm qbil li kien jappartjeni lill-attur personalment. Dan in kwantu kien hu li xtara l-materia prima cioe' l-pizelli u xtara wkoll il-landa li fihom giet processata u mibjugha anke jekk dan sar fil-fabbrika, taht il-kontroll u taht l-isem tas-socjeta' konvenuta.

Din il-Qorti ma jirrizultalix prova tal-allegazzjoni tal-attur appellant illi l-konvenut kien appropja ruhu personalment mill-flus li ngabru mill-bejgh ta' din il-kwantita' ta' pizelli jew li kienu jikkonkorru provati l-elementi tal-

appropjazzjoni indebita. Fl-ahjar ipotesi ghall-attur appellant irrizultalha biss illi s-socjeta' konvenuta ddecidiet illi ma thallasx lura l-ammont li kien jispetta lill-attur ghaliex kienet tippretendi li dan kien debitur lejha ammont in eccess ta' dik is-somma. Process dan ghal kollox legittimu fin-negozju anke jekk ma kienx konsentit bil-ligi lis-socjeta' konvenuta illi fic-cirkustanzi partikolari taghmel ex lege tpacija kif ippretendiet li kellha jedd li taghmel. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint.

Aggravju iehor tal-appellant hu fir-rigward tad-decizjoni tal-ewwel Qorti li tirriduci l-bilanc tan-numru ta' bottijiet li ghalih hu kellu dritt ghall-kumpens arbitrio bono viri b'ghaxra fil-mija. L-ewwel Qorti ikkonsidrat li hekk kellha taghmel ghaliex l-attur ma kienx qal bi precizjoni kemm gew mibjughin kaxxi u ma kienx ghamel l-icken avarija jew latitudini ghal xi bottijiet li setghu kienu danneggjati b'xi mod. L-appellant pero' jissottometti illi l-kwantita' ta' bottijiet minnu mibjughin jirrizultaw mir-rendikont preciz ta' kemm gabar flus. Minn dan wiehed seta' facilment jindeduci kemm kienu nbieghu bottijiet. Filwaqt li hu jirrikonoxxi li seta' kien hem xi avarija zghira hu kien tal-fehma illi l-figura ta' ghaxra fil-mija li biha l-ewwel Qorti rriduciet il-bilanc lilu dovut kienet punittiva wisq fil-konfront tieghu. Kien jidhirlu illi tnaqqis ta' tnejn fil-mija ghall-prodotti danneggjati kien ikun wiehed aktar rejalistiku.

Din il-Qorti pero' ma jidhrilix illi irrizultawlha elementi bizzejjed biex jinducuwha tiddusturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti f'dan ir-

rigward. Dan huwa primarjament apprezzament fattwali u din il-Qorti hi tal-fehma illi kellha tistrieh fuq l-istima li ghamlet l-ewwel Qorti in kwantu din kellha l-opportunita' illi sewwa tevaluwa n-natura tan-negozju kondott mis-socjeta' konvenuta, ir-riskju fih involut u t-telf li wiehed seta' jistenna, konsidrati wkoll il-metodi u l-mezzi ta' distribuzzjoni u kif ikun rikavat il-profitt. Din il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti hadet dan kollu in konsiderazzjoni anke fil-kors tas-smiegh tax-xhieda quddiemha u konsegwentement ma tarax ghaliex m'ghandiex taccetta bhala wiehed gust it-tnaqqis suggerit mis-sentenza appellata bhala wiehed li jirrifletti r-rejalta tan-negozju tax-xorta taht ezami.

L-ahhar ilment tal-appellant jirrigwarda l-kwistjoni tal-hlas tal-imghax. Hu jissottometti li una volta hawn si tratta ta' kwistjoni purament kummercjali kienu japplikaw interessi kummercjali u dawna kellhom jibdew jiddekorru mid-data tat-transazzjonijiet kummercjali li saru. Ghalkemm kien minnu li l-attur kien qieghed jitlob li l-Qorti tillikwida ammont preciz ta' dak li kien lilu dovut, certament kien pacifiku li ammont sostanzjali kien ser ikun dovut zgur u konsegwentement l-attur ma kellux jigi penalizzat billi jinghata interessi biss mid-data tas-sentenza. Dan l-aggravju hu fil-fehma ta' din il-Qorti in parte gustifikat. Infatti kif jirrizulta kemm mill-korp tas-sentenza appellata kif ukoll minn dawn il-konsiderazzjonijiet ammont likwidat mis-sentenza appellata hu pratikament dak illi gie mitlub mill-attur appellant hlief ghat-tnaqqis mariginali degretat fis-sentenza appellata proprju minhabba telf u danni inevitabbli fin-negozju u ridott mill-ewwel Qorti arbitrio boni viri.

Il-Qorti kellha wkoll tiehu konjizzjoni tal-fatt illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont li kien dovut lill-attur appellant sal-lum u lanqas iddepozitat dan l-ammont taht l-awtorita' tal-Qorti pendenti l-verifika u d-determinazzjoni ta' pendenzi ohra bejn is-socjeta' konvenuta u l-attur. Mill-banda 'l ohra ma kienx hemm dubju illi l-azzjoni kienet wahda ghall-kundanna tal-konvenuti biex ihallsu ammont da liquidarsi. Azzjoni li kienet timporta indagini ta' diversi alternattivi kif jidher mit-talbiet tal-attur li kienu fil-fatt jimpeduh milli jinterpella lill-istess konvenuti biex ihallsu ammont determinat. Infatti fl-ahhar sentenza tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu annesssa mal-att tac-citazzjoni, l-attur jiddikjara illi "kemm dahhal il-konvenut, l-attur ma jafx u ghalhekk qed issir din il-kawza." Ma kienx allura possibbli li jiddekorru l-imghax fuq ammont illi ma setghax jigi kwantifikat jekk mhux tramite l-process gudizzjarju kif fil-fatt sehh fil-kors ta' din il-kawza. Mill-banda 'l ohra, appena deciz l-ammont dovut fis-sentenza tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Marzu 1997 u una volta l-istess socjeta' konvenuta ssottomettiet ruhha ghal dak il-gudikat tant li m'appellatx minnu ma kellu jkun hemm l-ebda dubju li l-imghax kummercjali kellhom jibdew jiddekorru minn dakinhar.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell michud, b'dan li l-imghax bir-rata kummercjali kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u cioe' mid-data tat-13 ta' Marzu 1997

sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez tal-prima istanza kellhom jibqghu kif gja' mill-ewwel Qorti decizi, dawk ta' dan l-appell kellhom ikunu a karigu tal-attur appellant.

Dep/Reg

mg